**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 12/12 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 22/11/2012 fis-6.40pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Preżenti |
| | Fenech Stephanie | Skużata |
| | Hales Joseph | Skużat |
| | Pace Darrell | Preżenti mit-7.40pm |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Skużata |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**12. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Minuti 11/12 inqraw u ġew approvati nem.con.** | |
| 12. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**12. 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2. 2 | 11.2.2 | Viċi-Sindku: Skart | Il-Viċi-Sindku rrimakart dwar il-ġbir ta' skart li f'diversi żoni qed jinġabar gżuż bħal Triq Mater Boni Consigli ħdejn il-bust. Wara li l-Kunsill ddiskuta din is-sitwazzjoni, qabel li għandu jagħti l-aħħar avviż lill-kuntrattur qabel ma japplika l-penali skond il-kuntratt. | Sindku |
| 12. 2. 3 | 11.2.5 | Camilleri: Librerija Pubblika | Camilleri rrapporta x-xogħlijiet li saru fuq il-faċċata tal-librerija pubblika. Issa ser jibda xogħol fuq ġewwa ta' l-istess bini. | Camilleri |
| 12. 2. 4 | 11.2.6 | Viċi-Sindku: Parenting Skills | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-korsijiet tal-parenting skills ser isiru lejn l-aħħar ta' Jannar, bidu ta' Frar. | Viċi-Sindku |
| 12. 2. 5 | 11.2.8i | Sindku: Sqaq Nru 2 fi Triq Strejnu | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li l-kuntrattur V. Camilleri qed jistenna l-materjal mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, biex jibda x-xogħol tal-main u wara jsir ir-resurfacing kollu xogħol ta' TM. | Sindku |
| 12. 2. 6 | 11.2.8ii | Sindku: Xogħlijiet fi Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku spjega li ż-żona hija ndikata bħala sit arkeoloġiku u għalhekk qed jitħejja rapport minn espert. | Sindku |
| 12. 2. 7 | 11.2.10 | Sindku: Mantenzjoni f'GSM | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-manutenzjoni fuq l-iskate park saret filwaqt li l-cross tal-merry go round ġarrab ħsara u għalhekk inqalat u ser issir il-manutenzjoni meħtieġa. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2. 8 | 11.2.11 | Viċi-Sindku: Attivita' ta' Halloween | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk l-attivita ta' Halloween sartix fit-2 ta' Novembru u jekk in-nies kinux infurmati. Peress li l-kunsilliera Fenech responsabbli mill-attivita' ma kinitx prezenti, din tħalliet għal-laqgħa oħra. | Fenech |
| 12. 2. 9 | 11.2.14 | Sindku: Devoluzzjoni Ġebel San Martin | Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-devoluzzjoni dwar Ġebel San Martin waslet għand id-Direttur. Il-Kunsillier Pace ser ikompli isegwi dan il-proċess peress li dan ġie infurmat li l-file number li ngħatajna mid-dipartiment huwa ħażin. Il-Kunsillier Pace huwa infurmat li l-aħħar intervent li saret fuq dan il-file kienet fl-10 ta' Jannar 2011. S'issa għadna ma waslniex iżda fiduċjużi li din id-devoluzzjoni tingħata lill-Kunsill. | Pace |
| 12. 2. 10 | 11.2.17 | Sindku: Applikazzjoni - Restawr ta' postijiet żgħar | Is-Sindku informa lill-Kunsill li fi Triq M'Xlokk k/m Triq San Pietru hemm niċċa sabiħa li għandha bżonn tiġi restawrata. Sabiex isir dan ix-xogħol hemm bżonn il-permessi tal-Mepa. Is-Sindku inkariga lil Seychell sabiex ikellem lill-Perit Ruben Abela. Darmanin spjega li taħt din i-niċċa kien hemm ukoll għajn ta' l-ilma u ppropona li din terġa' issir fl-istat oriġinali tagħha. | |
| 12. 2. 11 | 11.2.18 | Viċi-Sindku: Kids Club/Child Day Care Centre | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kids Club issa beda jiltaqa fid-Child Day Care Centre. **Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għall-amministrazzjoni ta' dan iċ-Ċentru filwaqt li l-propjeta' u d-direzzjoni tibqa' f'idejn il-Kunsill.** | |
| 12. 2. 12 | 11.2.19 | Sindku: Website tal-Kunsill | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-website qegħda tiġi updated u illum ttellgħet informazzjoni dwar id-Eur90 grant li ser jieħdu residenti Zwieten li joqogħdu qrib l-impjant ta' Sant'Antnin. Dwar Ħal Tmiem saret talba sabiex tkunu inkluża mal-lista pprovduta peress li kienu imdaħħlin 3 blokki biss minn Ħal Tmiem kollu. | |
| 12. 2. 13 | 11.2.22 | Sindku: Bus Stop Misraħ Carlo Diacono | Is-Sindku talab sabiex nistaqsu lil Ivan Vella għaliex tneħħa l-bus stop minn Misraħ Carlo Diacono quddiem in-New Wave Kiosk u ninsistu biex dan il-bus stop jerġa' jsir. | |
| 12. 2. 14 | 11.3.5 | Sindku: Wiċċ ta' Triq it-Tagħlim | Is-Sindku informa lill-Kunsill li inħarġet it-tender minn TM sabiex issir Triq it-Tagħlim iżda ma nafux meta din ser issir. | |
| 12. 2. 15 | 11.3.6 | Sindku: Ħajt tal-Ġnien tal-Kmandant | Is-Sindku rrapporta lill-Kunsill li saru x-xogħlijiet neċessarji fuq il-ħajt ta' Ġnien tal-Kmandant li kien fil-periklu li jaqa'. | |
| 12. 2. 16 | 11.3.7 | Viċi-Sindku: Pedestrianization ta' Triq Sant'Anġlu | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk saritx it-talba quddiem TM sabiex Triq Sant'Anġlu issir pedestrianised. Ir-riposta kieent fl-affermattiv. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2. 17 | 11.3.11 | Viċi-Sindku: Petizzjoni | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk saritx il-petizzjoni fi Triq Xrobb l-Għaġin u Triq l-Arċipriet Degabriele. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | |
| 12. 2. 18 | 11.5.1 | Sindku: Proġett 'Chapel to Chapel' | Is-Sindku irrapporta lill-Kunsill li l-ewwel fażi minn Sqaq Brieqex, Triq Wied iz-Ziju sal-ħwienet tlestiet. Fadal issir iż-żebgħa tat-triq. Komplew ukoll ix-xogħlijiet fuq barra. Nittamaw li dawn jitlestew sal-bidu ta' Diċembru. | Sindku |
| 12. 2. 19 | 11.7.1 | Sindku: Xogħlijiet fuq il-komun f'Ta' Ganza | Is-Sindku spjega li x-xogħol fuq il-komun fil-blokki Ta' Ganza kompla. | |
| 12. 2. 20 | 11.9.1 | Sindku: Isem ta' triq għal Triq il-Perit Duminku Mintoff | **Fuq il-proposta oriġinali li triq fiż-Żejtun tissemma għal Prim Ministru Dom Mintoff mressqa mill-Kunsillier Joe Hales, il-Viċi-Sindku ssekondata mill-kunsillier Darmanin, ipproponiet li Wesgħa Madonna tal-Ħniena (minn sqaq privat fi Triq il-Madonna tal-Ħniena - bieb nru 167) sa kantuniera ma' Triq Sir Paul Boffa u Triq Labour tissemma Misraħ il-Perit Duminku Mintoff. Dan minħabba li l-Perit Mintoff iżżewweġ f'din il-Knisja. Għalhekk ser issir talba lill-iStreet Naming Committee.** | |
| 12. 2. 21 | 11.10.12 | Sindku: Reception tal-Milied | Peress li fis-Sala Alexandria qed isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni, il-bibita tal-Kunsill ser issir fl-20 ta' Diċembru fil-Juventutis Domus. Attivitajiet oħra li ser isiru għall-festi tal-Milied huma: 7-9 Diċembru - weekend break ġewwa d-Dolmen Hotel; il-party tat-tfal fit-22 ta' Diċembru fic-Child Day Care Centre, fid-29 ta' Diċembru ser jittella' l-Kunċert Annwali mill-Kor Santa Monika fil-Knisja Parrokkjali; fil-5 ta' Jannar ser isir id-Dinner Dance. | |
| 12. 2. 22 | 11.10.13 | Sindku: Bankijiet | Is-Sindku spjega li l-bankijiet għal Ġnien iċ-Ċrieki ser isiru u ġew ordnati. Saret preżentazzjoni ta' fjuri mit-tfal f'għeluq id-79 sena tas-Sinjura Frances Grima u l-100 sena tas-Sur Bilocca. Dan il-ġest ġie apprezzat ħafna. Fil-25 ta' Novembru ser tkun ċelebrata l-iStroke Awareness Day. | Sindku<br>Viċi-Sindku |

**12. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML12/12. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 3. 1 | | S. Cassar: Ħsara fuq tyre ta' karozza | **Il-Kunsill approva il-ħlas ta' Eur80 għal ħsara fit-tyre li ġarrab is-Sur Stephen Cassar meta kien għaddej minn Triq il-Labour.** | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 3. 2 | 17 | Greenpak: Boroz | Il-Viċi-Sindku spjegat li fil-bidu ta' Diċembru qed jittamaw li jkollna l-boroż ta' l-iskart riċiklabbli biex jibda t-tqassim fir-residenzi. |
| 12. 3. 3 | 23 | DLG: Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013 | Is-Sindku spjega li ser issir talba sabiex isir ir-restawr tan-niċċa li hemm fi Triq M'Xlokk k/m Triq San Pietru ta't l-iskema ta' finanzjament ta' inizjattivi speċjali 2013. |
| 12. 3. 4 | | Sindku: Blind Corner Fi Triq Felicia Abela k/m Triq Bugharbiel | Is-Sindku spjega li irċieva korrispondenza mis-Sur G. Zammit għal proposed re-alignment ta' Triq Felica Abela biex il-Kunsill jagħti l-kummenti tiegħu. **Il-Kunsill innota li l-boundary wall propost qed joħloq blind corner. Il-Kunsill qabel li bl-ebda mod m'għandu jinħareġ il-permess wara li ġew evalwati l-ilmenti tar-residenti u issir talba biex naraw min ser jikkonsulta TM.** |

**12. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 12/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 12. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 12/12 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 12/12 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 12. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 12/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 12. 4. 4 | | Petty Cash - Ottubru 2012 | **Il-Kunsill approva l-petty cash ta' Ottubru 2012 hekk kif prezentat u kien jammonta għal Eur123.49.** | Segretarjat |

**12. 5. Update Reports - Ħal Tmiem Housing Estate**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 5. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill it-tkomplija ta' xogħol fil-Qasam ta' Ħal Tmiem. | Sindku<br>Viċi-Sindku |

**12. 6. Update Reports - Ta' Ganza Housing Estate**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 6. 1 | | Sindku: Rapport | Ara nota 12.2.19 | |

**12. 7. Drenaġġ - Triq Xrobb l-Ghaġin / Triq Strejnu**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 7. 1 | | Ara nota 12.2.6 | | |

**12. 8. Mozzjonijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 9. 1 | | Mozzjoni mill-Kunsillier Seychell | **Fuq proposta tal-Kunsillier Seychell issekondata mis-Sindku, il-Kunsill unanimanet qabel li persuna mejta ma tikkwalifikax għal Ġieh iż-Żejtun.** | Seychell |

**12. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 9. 1 | | Korrispondenza tal-Kunsilliera Fenech | Inqrat il-korrispondenza tal-kunsilliera Fenech fejn din infurmat lilll-Kunsill li ġie varat il-programm SK8 park The Wall. Ser issir żebgħa ta' murals mal-ħajt tal-pump room ta' Ġnien iż-Żgħożija minn żgħażagħ. Inħarġu linji gwida u sejħa għal partecipanti. Fil-25 ta' Novembru il-youths@local ser jieħdu sehem fil-programm live Ħadd Għalik. | Fenech |
| 12. 9. 2 | | Segretarjat: Rapport Finanzjarju tat-3 kwart tas-sena | Is-Segretarjat ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena iġifieri bejn l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru, 2012. Sar rapport tad-dħul u l-infieq ta' dan il-kwart. Dan il-kwart għalaq bi żbilanċ ta' Eur4,700. **Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport wara li dan ġie approvat mill-Kunsill.** | Segretarju Ezekuttiv |
| 12. 9. 3 | | Sindku: Skema PPP | Is-Sindku spjega lill-Kunsill li baqa' 6 toroq oħra xi jsiru. Inħarġu żewġ sejħiet għall-offerti: l-ewwel waħda kienet għolja u t-tieni offerta ma daħal ħadd għaliha. Bdew taħdidiet tad-DLG sabiex ikun hemm commitment ta' 3 snin minflok 8 snin. Biex dan ikun possibli l-għajnuna mid-DLG trid tiżdied bi 30%. | Sindku |
| 07. 9. 4 | | Sindku: Toroq | Is-Sindku informa lill-Kunsill li kuntrattur ġie imqabbad jagħmel rampi fit-triq sabiex l-aħħar żewġ residenzi ta' Triq Orazio Diacono ma jerqgħux. Sabiex din il-problema tissolva, trid tinfetaħ it-triq. Triq il-Faqqus tinsab fi stat dizastruz. Tħejjiet lista ta' toroq li spiċċaw għal kollox fosthom Triq l-Arċipriet Degabriele u 5 stretches fi Triq President Anton Buttiġieġ. Din ingħatat lil TM iżda dawn qed isostnu li dawn it-toroq huma responsabilta' tal-Kunsill. Il-Kunsillier Pace talab sabiex isiru Triq Arcipriet Degabirele, Triq A Cachia Zammit u Triq Ħal Tarxien. S'issa għadu qed jistenna risposta. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 9. 5 | Pace: Skart | Il-Kunsillier Pace irraporta li qed jinħareġ l-iskart fil-5pm fi Triq Ta' Tavlin. Għaldaqstant talab sabiex tittieħed azzjoni. Is-Sindku spjega li m'hemmx flus sabiex intervent mill-Eco-Wardens. Darmanin staqsa jekk jistax isir intervent mill-Pulizija. Il-Viċi-Sindku irrapurtat lill-Kunsill dwar hawker li tkun ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena li ġet avviċinata minn 3 pulizija pajzana. Is-Sindku ser jitlob ir-roaster tal-wardens fiż-Żejtun mir-Reġjun. | Sindku |
| 12. 9. 6 | Pace:Xtieli u Siġar | Pace talab sabiex pjanti jew siġar jitħawwlu f'Misraħ Indipendenza kif kien indikat fil-pjanti oriġinali. Huwa talab ukoll sabiex isir iż-żbir ta' siġar fi Vjal 25 ta' Novembru. | Sindku# |
| 12. 9. 7 | Pace: Triq San Pietru | Il-Kunsillier Pace talab sabiex Triq San Pietru issir one way. Is-Sindku inkariga lil Darmanin biex jagħti rapport dwar dan. | Darmnin |
| 12. 9. 8 | Pace: Hoarding fi Triq il-Qadi | Pace talab sabiex jittella' ħajt kif mitlub mill-liġi fi plot 'l isfel minn St. Catherine Pharmacy fi Triq il-Qadi. | |
| 12. 9. 9 | Camilleri: Librerija | Camilleri informa lill-Kunsill li ser jieħu ħsieb li l-ġimgħa d-dieħla jsiru t-tabelli tal-librerija pubblika. | Camilleri |
| 12. 9. 10 | Camilleri: Software għall-iskola | **Il-Kunsill approva li jinxtara software għall-interactive whiteboard għall-kindergarten minflok toys fl-okkazjoni tal-Milied.** | Camilleri |
| 12. 9. 11 | Camilleri: Kotba għal-Librerija pubblika | Camilleri informa lill-Kunsill li saret ordni ta' Eur700 f'kotba għal-librerija pubblika mingħand BDL. | Camilleri |
| 12. 9. 12 | Camilleri: Reminders | Camilleri fakkar lill-Kunsill sabiex issir rampa fil-Bus Terminus f'Misraħ Carlo Diacono, sleeping policeman fi Triq Santa Marija qabel Triq Sant'Isidoru, stop sign u żebgħa fi Triq Marrubja k/mTriq Ħubbejza kif ukoll mera tat-traffiku fi Triq id-Daħla ta' San Tumas faċċata ta' Triq il-Qadi. Is-Sindku qal ukoll li hemm bzonn ta' mera fi Triq Taltas. | Sindku |
| 12. 9. 13 | Seychell: Invit | Seychell staqsa jekk l-Arċipriet stedinx lill-Kunsill fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katarina. **Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ittra lill-Arċipriet fejn jgħarrfu li invit ikun apprezzat.** | Segretarjat |
| 12. 9. 14 | Seychell: Konkors Letterarju | Seychell informa lill-Kunsill bit-titli tal-Konkors Letterarju b'rabta ma' l-attivitajiet ta' Jum iż-Żejtun. | Seychell |
| 12. 9. 15 | Seychell: Skart | Seychell staqsa meta qed jinġabar l-iskart fl-inħawi ta' Triq Santu Kristu. Dwar dan ser niċċekkjaw mal-kuntrattur. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 9. 16 | Seychell: Bankijiet | Seychell talab sabiex isiru l-bankijiet f'Misraħ Strejnu. Is-Sindku spjega li ser isiru bankijiet tal-ġebel biex dawn jakkumpanjaw l-ambjent rurali. | Sindku |
| 12. 9. 17 | Seychell: Bankijiet f'Misraħ ir-Repubblika | Seychell talab sabiex jinbidlu l-bankijiet li hemm f'Misraħ ir-Repubblika peress li dawn huma skomdi. Is-Sindku spjega li f'din iż-żona kien hemm maħsub proġett ta' pavimentar iżda id-Dipartiment ma approvahx. | Sindku |
| 12. 9. 18 | Sindku: Bollard fi Triq id-Duluri | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie avviċinat mir-residenti ta' Triq id-Duluri fejn dawn qed jitolbu bollard peress li jsir parking fuq il-bankina. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.25pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar, 2013 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv